Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2408

2.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2408

tal-1 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1134 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, l-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tas-*Spodoptera frugiperda* (Smith) fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f), (h) u (i), u l-Artikolu 41(2) u l-Artikolu 72(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1134 [2] jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, l-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tas-*Spodoptera frugiperda* (Smith) ("il-pest speċifikat").

(2) Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni japplika sal-31 ta' Diċembru 2025 biex ikunu possibbli evalwazzjoni u rieżami addizzjonali tat-tixrid tal-pest speċifikat, il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-pest speċifikat u l-effettività tal-miżuri meħuda fit-territorju tal-Unjoni.

(3) Meta wieħed iqis li l-introduzzjoni ta' ċerti pjanti hi relatata mar-riskju tat-tixrid tal-pest speċifikat fl-Unjoni, dawk il-pjanti ġew elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1134, soġġetti għal rekwiżiti speċjali għall-importazzjoni tagħhom. Abbażi tar-rieżami previst f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ir-rekwiżiti speċjali rispettivi li jikkonċernaw il-pjanijiet ta' kontinġenza, iż-żoni demarkati, il-miżuri ta' qerda u r-rapportar, jenħtieġ li jinżammu mingħajr limitu ta' żmien peress li skont l-esperjenza eżistenti, urew li huma l-aktar xierqa biex jindirizzaw ir-riskju tal-pest speċifikat.

(4) Madankollu, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni tal-frott tal-*Capsicum* L., tal-*Momordica* L., tas-*Solanum aethiopicum* L., tas-*Solanum macrocarpon* L., tas-*Solanum melongena* L., il-pjanti tal-*Asparagus officinalis* L., għajr iz-zkuk koperti tul ħajjithom kollha bil-ħamrija, l-għabra tad-dakra ħaj, il-kulturi tat-tessuti tal-pjanti u ż-żrieragħ, u l-pjanti taż-*Zea mays* L., għajr l-għabra tad-dakra ħaj, il-kulturi tat-tessuti tal-pjanti, iż-żrieragħ u l-ħbub, jenħtieġ li japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2028. Dan meħtieġ biex jingħata żmien biżżejjed ħalli tinkiseb valutazzjoni addizzjonali dwar il-perkorsi tal-pest speċifikat, u l-aktar miżuri xierqa biex jiġi indirizzat ir-riskju fitosanitarju rispettiv.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1134 jiġi emendat kif xieraq.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1134 tat-8 ta' Ġunju 2023 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, l-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni ta' Spodoptera frugiperda (Smith), li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 (ĠU L 149, 9.6.2023, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1134/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1134

L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1134 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 10 u 11 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2028."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN